## Magistrat
## Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Bonello**
**Spettur Carmelo Bartolo**
**V**

**ANTHONY ABELA**
**JEREMY JAMES FARRUGIA**
**NEIL CARL FARRUGIA**

**Illum, 18 ta’ Ottubru, 2001**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **ANTHONY ABELA** ta’ wiehed u erbghin sena bin Carmelo u l-mejta Melita nee Gauci, imwieled Pieta nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Gunju, 1958 u joqghod 'Dar Suriet il-Bniedem', Lower St. Albert Street, Gzira, detentur tal-karta tal-identita numru 440358M, **JEREMY JAMES FARRUGIA** ta’ hmistax il-sena, bin Emanuel u Catherine nee Saydon, imwieled Pieta nhar l-hdax ta' Novembru, 1984 u joqghod 35, Triq Santa Marija, B'Kara, detentur tal-karta tal-identita numru 558384M u **NEIL CARL FARRUGIA** ta' sbatax il-sena, bin Emanuel u Catherine nee Saydon, imwieled Pieta

nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Gunju, 1982 u joqghod 35, Triq Santa Marija, B'Kara, detentur tal-karta tal-identita numru 347982M, gew imressqa quddiemha akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer nhar s-sebgha ta' April, 2000 u matul x-xhur ta' qabel din d-data, b'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a. matul l-lejl ta' bejn s-sitta ta' April, 2000 u s-sebgha ta' April, 2000, waqt li kienu f'H'Attard, kkommettew serq ta' vettura tal-ghamla Morris 1100 bin-numru ta' registrazzjoni DAN 906, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-vjolenza, bil-hin u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin, kif wkoll bin-natura tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Leonard Grech minn H'Attard;

b. talli fl-istess data, waqt li kienu f'B'Kara, f'xi hin bejn s-siegha ta' filghodu u s-saghtejn ta' filghodu kkommettew serq ta' oggetti fosthom kwantita ta' fliexken ta' xorb alkoholiku mill-istabbiliment maghruf bl-isem 'Price Club Discount Supermarket', liema serq li sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-istabbiliment maghruf bl-isem 'Price Club Discount Supermarket', huwa kkwalifikat bil-

mezz, bil-vjolenza, bil-hin u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin;

c. talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, bil-hsieb li jikkommettu serq ta' oggetti mill-istabbiliment maghruf bl-isem 'Price Club Discount Supermarket', wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema serq li kieku sehh kien ikun kkwalifikat bil-mezz, bil-vjolenza, bil-hin u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin, ghad-detriment tad-dirigenti tal-istabbiliment maghruf bl-isem 'Price Club Discount Supermarket', liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta taghhom;

d. u aktar **lil Jeremy James Farrugia u lil Neil Carl Farrugia wahedhom** talli matul il-lejl ta' bejn l-wiehed u tletin ta' Marzu, 2000 u l-ewwel ta' April, 2000 kkommettew serq ta' oggetti fosthom kwantita ta' fliexken ta' xorb alkoholiku mill-istabbiliment maghruf bl-isem 'Price Club Discount Supermarket', liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-vjolenza, bil-hin u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin;

e. talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, voluntarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor

mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-hamsin lira maltin izda ma teccedix l-hames mitt lira maltin, ghad-detriment tad-dirigenti tal-istabbiliment maghruf bl-isem 'Price Club Discount Supermarket';

f. u **talli Jeremy James Farrugia wahdu**, matul il-lejl ta' bejn t-tmienja w ghoxrin ta' Marzu, 2000 u d-disgha w ghoxrin ta' Marzu, 2000, waqt li kien f'B'Kara, kkommetta serq ta' oggetti fosthom kwantita ta' fliexken ta' xorb alkoholiku mill-istabbiliment maghruf bl-isem 'Price Club Discount Supermarket', liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-vjolenza, bil-hin u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin u li sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-istabbiliment maghruf bl-isem 'Price Club Discount Supermarket',

g. kif wkoll talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-hamsin lira maltin izda ma teccedix l-hames mitt lira maltin, ghad-detriment tad-dirigenti tal-istabbiliment maghruf bl-isem 'Price Club Discount Supermarket',

h. lil **Jeremy James Farrugia, Neil Carl Farrugia u Anthony Abela** talli f'dawn il-Gzejjer nhar s-sebgha ta' April, 2000 u matul ix-xhur ta' qabel din d-data, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu sabiex jbieghuhom jew jmexxuhom, liema hwejjeg misruqa gejjin minn serq kkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira maltin;

i. talli matul l-lejl ta' bejn s-sitta ta' April, 2000 u s-sebgha ta' April, 2000, waqt li kienu f'B'Kara f'xi hin bejn s-siegha ta' filghodu u s-saghtejn ta' filghodu, voluntarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-hamsin lira maltin izda ma teccedix l-hames mitt lira maltin, ghad-detriment tad-dirigenti tal-istabbiliment maghruf bl-isem 'Price Club Discount Supermarket';

j. lil **Jeremy James Farrugia wahdu** talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond l-ligi minn servizz pubbliku u cioe s-Surgent 1377 Emanuel

Cilia waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.;

k. lil **Jeremy James Farrugia u lil Neil Carl Farrugia** talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, qalu fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti li jikkonsisti f'dagha;

l. lil **Neil Carl Farrugia wahdu** talli matul l-lejl ta' bejn s-sitta ta' April, 2000 u s-sebgha ta' April, 2000, f'dawn il-Gzejjer saq il-vettura tal-ghamla Morris 1100 bin-numru ta' registrazzjoni DAN 906 minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' sigurta dwar r-riskji ta' terzi persuni;

m. lil **Anthony Abela wahdu** talli sar recidiv ai termini tal-artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond l-ligi tordna s-sospensjoni ta' kull licenzja tas-sewqan ta' Neil Carl Farrugia ghal dak il-perjodu ta' zmien li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali esibiti a fol 394 tal-process datati tlieta ta' Awissu, 2001 sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputati din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet lil imputati jiddikjaraw li m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti.

Semghet x-xhieda tal-Prosekuzzjoni u ezaminat r-relazzjonijiet ppresentati f'dawn l-atti.

Il-Qorti tiddikjara sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri li l-Qorti ma tistax tittratta mat-tlett imputati bl-istess manjiera ghaliex c-cirkostanzi huma differenti. Filwaqt li l-imputat Anthony Abela ghandu karriera ta' hajja fil-kriminalita li tmur lura mill-1975, b'sitta w erbghin konvinzjoni registrata fuqha, li l-imputati l-ohra u cioe l-ahwa Jeremy James Farrugia u Neil Carl Farrugia ghandhom fedina penali nafida u ghalhekk il-Qorti trid tqishom bhala *first time offenders*. Oltre dan waqt li l-imputat Anthony Abela huwa bniedem ta' wiehed u erbghin sena, u ta' certa eta u maturita, l-imputati l-ohra kellhom biss hmistax u sbatax il-sena meta allegatament ikkommettew dawn r-

reati. Fattur iehor differenti hu li l-imputati m'humiex akkuzati kollha bl-istess akkuzi. Illi dan il-fattur il-Qorti thoss li ghandha tikkonsidrah kollu f'kaz li ssib lil impuati hatja tal-akkuzi u tigi biex tapplika l-piena idoneja.

**L-imputat Anthony Abela huwa akkuzat** principalment fl-ewwel lok talli bejn is-sitta w s-sebgha ta' April, 2000 flimkien ma terzi, kkommetta serq ta' vettura, liema serq huwa aggravat bil-hin, vjolenza, mezz, valur u xorta tal-haga misruqa u fit-tieni lok talli fl-istess gurnata kkommetta serq mill-hanut Price Club Discount Supermarket, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz, hin u valur, fit-tielet lok talli rcieva oggetti gejjin minn attivita kriminali meta kien konxju ta' dan u fir-raba lok talli huwa recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Issa minn ezami tal-istqarrija tieghu esibita a fol 144 tal-atti mmarkata bhala dokument CB 3, jirrizulta li l-imputat Anthony Abela ippartecipa fis-serq tal-vettura Austin 100 bil-lejl bejn s-siegha w nofs u s-saghtejn ta' filghodu tas-sebgha ta' April, 2001u flimkien mal-ko-akkuzati mar biex jikkommetti serqa mill-istabbiliment Price Club Discount Supermarket tal-Imsida. Huwa spjiega kif dahal fil-fond u

cioe li nkisret il-bieba tal-hgieg ta' dan l-istabbiliment u beda jhott l-fliexken minn fuq l-ixkafef u beda jpoggihom fit-trolley li kellu. Fid-daqqa u l-hin daqqet l-alarm u gew il-Pulizja fuq il-post u qabduh *in flagrante delicto*.

L-Avukat Difensur sostna li l-Qorti m'ghandhix ssib lil imputat Anthony Abela hati ta' dawn l-akkuzi ghaliex l-imputat ma kienx f'sikktu u kien xurban. Illi fl-ebda hin pero ma ttanta jghid li l-imputat ma ppartecipax fis-serqa tal-vettura jew li dahal fl-istabbiliment Price Club Discount Supermarket.

Illi din l-materja ta' sokor hija kontemplata fl-artikolu 34 tal-Kap 9 u s-sub artikoli tieghu. Bhala regola generali l-artikolu 34(1) tal-Kap 9 jiddisponi li s-sokor ma jistax jingieb bhala eccezzjoni kontra akkuza kriminali. L-eccezzjonijiet ghal din r-regola generali jinsabu fis-sub artikolu ta' dan l-artikolu 34(1) u dawn l-eccezzjonijiet ghandhom jigu interpretati u applikati b'mod ristrettiv. Wiehed minn dawn l-eccezzjonijiet tipprovdi li ghalkemm l-akkuzat ikun fi stat ta' sokor, dan l-istat irid ikun mhux volut, dak imsejjah accidentali, cioe bla ma ried hu. Din il-kundizzjoni essenzjali biex tavvera ruhha l-ewwel eccezzjoni ghar-regola generali msemmija li s-sokor mhux eccezzjoni ghall-akkuza kriminali (vide l-artikolu 34(2) tal-Kap 1.)

Eccezzjoni ohra ghar-regola generali hija dik kontemplata fl-artikolu 34(2)(b) tal-Kap 9 fejn minhabba s-sokor tieghu l-akkuzat kien fi stat ta' genn, kemm temporanjament u kemm le, filwaqt li kien qed jikkommetti r-reat in kwistjoni. It-tielet eccezzjoni hi dik li jiddisponi s-sub artikolu 4 tal-artikolu 36 u cioe li l-istat ta' sokor ghandu jitqies sabiex jigi stabbilit jekk il-persuna akkuzata kienet iffurmat l-intenzjoni specifika jew xort'ohra li minghajrha ma kienetx tkun hatja tar-reat.

Illi mill-atti ma jirrizultax l-istat ta' sokor tal-imputat ma kienetx wahda voluta, anzi li jirrizulta hu li l-imputat kien go bar jixrob voluntarjament.

Hawnhekk il-Qorti thoss li ghandha taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta ta' Ottubru, 1998*** **fl-ismijiet Il-Pulizija v Mario Camilleri** fuq il-materja ghaliex

> *"...minkejja li gie ppruvat bla dubbju ta' xejn li l-imputat kien fi stat ta' sokor volut minnu, wiehed, qabel ma jaccetta l-eccezzjoni ghar-regola generali li stat ta' sokor*

*mhux difiza, u senjatament taht l-artikolu 34(4) tal-Kap 9, ghandu wkoll jara u jezamina ulterjorment jekk minkejja dan l-istat ta' sokor, jew stat iehor approssimattiv, li forsi setgha b'xi mod jinnewtralizza l-possibilita ta' intenzjoni partikolari, kienx hemm i-possibilita ta' intenzjoni ohra. Ghandu jigi ezaminat jekk l-imputat kienx fi stat li ma setghax jkollu l-kapacita jifforma intenzjoni ghal reat partikolari, izda kellu l-kapacita li jifforma intenzjoni ghal reat iehor.*

*Minn ezami tal-provi, din il-Qorti tara li minkejja l-istat ta' sokor volut ta' l-imputat, jirrizulta li, b'danakollu, hu xorta wahda kien fi stat li setgha jiftakar certa dettalji rilevati u determinanti kif jirrizulta mill-istqarrija tieghu stess.*

*Hu evidenti li fil-mument ta' dawn s-serqiet, l-istat ta' sokor ta' l-imputat, minkejja li kien wiehed volut minnu, ma kienx ghadu wasal sa dak il-grad li setgha jimpedielu li jifforma intenzjoni specifika jew xort'ohra.* ***Fl-Appell Kriminali per Onorevoli Imhallef William Harding, deciz nhar s-sebgha ta' Frar, 1958 fl-ismijiet The Police v Peter William Clarke et, intqal hekk mill-Qorti:***

*'With regard to the plea of intoxication, it is true that where a specific intent is essential to constitute a crime, evidence of drunkenness rendering the accused incapable of forming that intent should be taken into consideration, together with other facts proved, in order to determine whether or not such intent existed. It is long been an accepted principle, <u>however</u>, that evidence of drunkenness falling short of this, and merely establishing that the mind of the accused was affected by drink so that he more readily gave way to some violent passion does not rebut the principle that a man intends the natural consequences of his actions."*

Mill-provi prodotti ma jirrizultax li kieku l-impuat ma xorobx ma kienx jaghmel dak li effettivament ghamel. Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru, 1958*** **fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v John Micallef** gie ritenut li

*"biex stat ta' sokor jeskludi l-imputabilita, barra milli s-sokor, irid ikun ta' grad tant li jnehhi l-koxjenza, jew il-voluntarjeta ta' l-att kostitwenti tar-reat "*

Illi fl-artikoli l-imputat ma giex akkuzat b'tentattiv tar-reat ta' serq izda bir-reat ta' serq komplut.

Il-Qorti rat li l-oggetti li gew mehuda mill-imputat waqt li kien fil-Price Club Discount Supermarket gew spostati minnu fis-sens li gew mehuda minn fuq l-ixkafef w impoggija fit-trolley li a bazi tat-teorija tal-**Carrara**, s-serq huwa kkonsmat fil-mument tat-tehid tal-oggett u l-ispostament tieghu mill-post fejn hallih s-sid legittimu tieghu.

Ghalhekk ma hemmx dubbju li l-imputat ghandu jistab hati tal-akkuza ta' serq tal-vettura bl-aggravji kollha tal-hin, tal-valur, tal-mezz, tal-vjolenza u tan-natura tal-haga misruqa u ta' serq mill-istabbiliment Price Club Discount Supermarket, kif aggravat bil-hin, bil-mezz u bil-vjolenza.

Dwar t-tielet akkuza, u cioe dik ta' ricettazzjoni, din inghatat b'mod alternattiv ghal akkuza ta' serq u ghalhekk stante li l-Qorti sabet lil imputat hati tal-akkuza ta' serq ma tistax ssibu hati tal-akkuza ta' ricettazzjoni u ghalhekk tilliberah minnha.

Dwar r-raba akkuza u cioe dik ta' recidiva il-Qorti rat is-sentenza esibita mill-Prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputat Anthony Abela a fol 402 tal-atti markata bhala dokument CB 1, dik esibita a fol 409 tal-atti mmarkata bhala dokument CB 2. Rat d-dikjarazzjoni maghmula mill-istess imputat Anthony Abela fl-atti tal-Qorti nhar l-hdax ta' Novembru, 2000 fejn qabel li s-sentenza markata bhala dokument CB 1 inghatat fil-konfront tieghu u li l-Ispettur Paul Bond kien l-Ufficjal Prosekutur fiha u ghalhekk a bazi ta' din d-dikjarazzjoni il-Qorti m'ghadhix triq ohra salv li ssibu hati ta' din t-tielet akkuza wkoll.

Dwar il-ko-akkuzati l-ohra u cioe l-ahwa Jeremy James Farrugia u Neil Carl Farrugia, il-Qorti ghadha s-segwenti kummenti x'taghmel.

**Fil-konfront tal-imputat Jeremy James Farrugia**, skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, dan gie akkuzat b'serq aggravat, ricettazzjoni, hsara voluntarja, recidiva, ingurji, theddid kontra Ufficjal Pubbliku, u attakk jew resistenza kontra Ufficjal Pubbliku.

Minn ezami tal-istqarrija ta' Jeremy James Farrugia esibita a fol 141 tal-atti markata bhala dokument BC 2, jirrizulta li l-imputat ammetta diversi serqiet fl-istabbiliment Price Club Discount Supermarket, bl-aggravji taghhom u cioe dak tal-hin, tal-valur, tal-mezz u tal-vjolenza. Ammetta wkoll li kkaguna hsara voluntarja fl-istess fond, li seraq il-vettura Morris 1100 bin-numru ta' registrazzjoni DAN 096, li wara rrizulta li kienet ta' Leonard Grech minn H'Attard u talli saq din il-vettura ghalkemm kellu hmistax il-sena u wara rrizulta li ma kienetx koperta b'polza tas-sigurta jew licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi dwar l-akkuzi ta' ingurja jew thedded lil Ufficjal Pubbliku u cioe PS 1377 Emanuel Cilia, u li attakkah jew irresistih, ma saru l-ebda domandi lilu waqt l-interrogazzjoni dwar din l-akkuza. PS 1377 Emanuel Cilia qatt ma xehed f'dawn il-proceduri u mix-xhieda li xehdu dawn l-akkuzi ma jirrizultawx ppruvati. Lanqas ma tirrizulta ppruvata l-akkuza moghtija b'mod alternattiv ta' serq u cioe dik ta' ricettazzjoni.

Il-Qorti ghalhekk tiddikjara li qed ssib lil imputat Jeremy James Farrugia hati talli kkommetta serq aggravat bil-hin, bil-mezz, bil-valur u bil-vjolenza mill-fond Price Club Discount Supermarket bejn t-

tmienja w ghoxrin u d-disgha w ghoxrin ta' Marzu, 2000 u bejn l-wiehed u tletin ta' Marzu, 2000 u l-ewwel ta' April 2000 u bejn s-sitta ta' April u s-sebgha ta' April, 2000 u talli bejn s-sitta ta' April, 2000 u s-sebgha ta' April, 2000 seraq vettura tal-ghamla Morris 1100 bin-numru ta' registrazzjoni DAN 906, liema serq hu aggravat bil-hin, bil-mezz, bil-valur u bin-natura tal-haga misruqa u talli kkaguna hsara voluntarja f'dik l-istess stabbiliment fl-istess okkazzjoni li kkommetta s-serqa. Pero ma ssibux hati tal-akkuza ta' ricettazzjoni u talli ingurja jew hedded Ufficjal Pubboiku u talli attakka jew irresista Ufficjal Pubbliku.

**Dwar it-tielet imputat u Neil Carl Farrugia** il-Qorti rat li dan gie akkuzat b'eerq kontinwat u aggravat bil-hin, bil-mezz, bil-valur u bil-vjolenza, ricettazzjoni, hsara voluntarja u talli saq vettura minghajr ma kien kopert b'polza ta' sigurta kontra r-riskju ta' terzi persuni.

Minn ezami tal-istqarrija tieghu esibita a fol 138 tal-atti kl-akkuza ta' serq kontinwat mill-istabbiliment Price Club Discount Supermarket, ma hemx dubbju li tirrizulta ppruvat b'mod sodisfacenti bl-aggravji taghha kollha u cioe tal-valur, tal-mezz, tal-hin u tal-vjolenza. Dwar l-akkuza ta' hsara voluntarja jirrizulta li din tirrizulta

ppruvata wkoll ghaliex sabiex ottjena d-dhul f'dan l-istabbiliment kisser il-hgieg.

Illi l-akkuza ta' ricettazzjoni ma tirrizultax peress li l-Qorti qed ssibu hati tal-akkuza principali ta' serq u din l-akkuza nghatat b'mod alternattiv ghal akkuza ta' serq.

Dwar l-akkuza li l-imputat saq il-vettura minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta, il-Qorti hija rinfaccata b'ammissjoni tal-imputat Neil Carl Farrugia nnifsu fis-sens li saq il-vettura hu, kif wkoll infaccjata b'ammissjoni tal-ko-akkuzat Jeremy Farrugia li qal li saq il-vettura hu sa hdejn il-Price Club u ghalhekk fic-cirkostanzi il-Qorti ghandha dubbju dwar minn verament saqha.

Ghaldaqstant il-Qorti ma tistax ssib lil imputat Neil Carl Farrugia hati ta' din l-akkuza.

**Bhala konkluzzjoni ghalhekk il-Qorti tiddikjara li qed ssib lil imputat ANTHONY ABELA hati tal-akkuza ta' serq bl-aggravju tal-valur, tal-mezz, tal-hin, tal-vjolenza u tan-natura tal-haga misruqa u tikkundannah piena karcerarja ta' tmintax il-**

**<u>xahar minn liema perjodu ghandu jitnaqqas kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz</u>.**

**Rat li l-imputat NEIL CARL FARRUGIA huwa *a first time offender* u tiddikjara li qed issibu hati tal-akkuza ta' serq bl-aggravju tal-valur, tal-hin, tal-vjolenza, tal-mezz, tan-natura tal-haga misruqa u ta' hsara voluntarja, u <u>mhux hati</u> tal-akkuza ta' ricettazzjoni u talli saq vettura meta ma kienx kopert b'polza tas-sigurta, minn liema akkuzi qed tilliberah.**

**Dwar il-piena il-Qorti qed <u>tillibera lil imputat NEIL CARL FARRUGIA bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum u qed tpoggih taht is-supervizjoni tal-Probation Officer Mariella Camilleri tul dan il-perjodu kollu b'dan li l-istess Probation Officer ghandha tinforma lil Qorti dwar l-andament tieghu. Il-probationer NEIL CARL FARRUGIA ghandu jobdi kull ordni moghtija lilu minn din il-Probation Officer Mariella Camilleri u jzomm kuntatt regolari maghha.</u>**

**Fil-konfront tal-imputat JEREMY JAMES FARRUGIA il-Qorti rat li meta gew kommessi dawn r-reati huwa kellu biss**

**hmistax il-sena u kien ghadu *a first time offender* pero minn dakinhar sa llum dan l-imputat instab hati ta' diversi reati kif jirrizulta minn ezami tal-fedina penali tieghu esibita f'dawn l-atti markata bhala dokument CB 1 u dejjem fuq akkuzi ta' serq.**

**Il-Qorti rat r-rapport tal-Psikjatri Doctor Joseph Spiteri u Doctor Josanne Holloway u rat li l-imputat jbati minn *conduct disorder* u hemm bzonn li jigi *contained* sabiex ma jkunx liberu ma min jaghmilha u li huwa necessarju li l-imgieba u komportament tieghu jigu kontrollati.**

**Il-Qorti ghalhekk tiddikjara li qed issib lil imputat JEREMY JAMES FARRUGIA hati tar-reat ta' serq kontinwat bl-aggravju tal-hin, tal-mezz, tal-valur, tal-vjolenza, tan-natura tal-haga misruqa u talli kkommetta hsara voluntarja u <u>mhux hati</u> tar-reat ta' ricettazzjoni, ingurja jew theddid lil ufficjal Pubbliku u attakk u resistenza fuq Ufficjal Pubbloiku u recidiv, minn liema akkuzi qed tilliberah.**

**Dwar il-piena il-Qorti qed <u>tikkundanna lil imputat JEREMY JAMES FARRUGIA ghal piena karcerarja ta' sena</u>**

**liema perjodu qed jigi sospiz ghal perjodu ta' sentejn taht l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan qed tpoggi lil imputat JEREMY JAMES FARRUGIA taht is-supervizjoni tal-Probation Officer Mariella Camilleri ghal perjodu ta' tlett snin ai termini tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-probationer JEREMY JAMES FARRUGIA ghandu jobdi kull ordni moghtija lilu minn din il-Probation Officer Mariella Camilleri u jzomm kuntatt regolari maghha u f'kaz li l-probationer ma jsegwix l-ordnijiet taghha il-Qorti tesigi li tkun infurmata minnufih.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lil Probation Officer Mariella Camilleri.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**